MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2004

Numru 743/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**Spettur Simon Galea**
**V**
**OMMISSIS**
**OMMISSIS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **OMMISSIS** ta’ tmienja w tletin sena, **OMMISIS** u **OMMISSIS** gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin minnhom wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe:

Lil **OMISSIS wahedha**, bhala axxendent, tutur jew istitutur fuq il-persuni taht l-eta ta' tmintax il-sena f'B'Kara fit-

tmintax ta' Novembru 1998 u fix-xhur ta' qabel din d-data, rrendiet ruhha komplici fir-reati hawn taht dedotti billi bi vjolenza jew b'theddid jew b'kull mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lil awtur jew lil awturi tad-delitti fl-atti li bihom kienu gerw ippreparati jew ikkunsmati.

Lil **OMMISSIS** u lil **OMMISSIS** talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bi vjolenza ikkommettew stupru fuq il-persuna ta' **OMMISSIS** minorenni ta' disgha snin.

Lil **OMMISSIS** u **OMMISSIS** talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setghu lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil **OMMISSIS** minorenni, kontra l-volunta taghha sabiex tigi mgieghla taghmel xi haga jew jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Lil **OMMISSIS wahedha**, bhala axxendent mid-demm jew bi zwieg, u lil **OMMISSIS** u **OMMISSIS** talli f'B'Kara fit-tmintax ta' Novembru 1998 u fix-xhur ta' qabel din d-data, bi vjolenza jew b'theddid jew b'qerq, b'ghemil zieni, ikkorrompew lil **OMMISSIS** persuna li ghadha m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena.

Lil **OMMISSIS** u **OMMISSIS** talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'qerq, bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh biex jissodisfaw z-zina ta' haddiehor, hajjru ghal prostituzzjoni lil **OMMISSIS** persuna li m'ghalqitx t-tmintax il-sena jew ecitaaw l-korruzzjoni taghha jew ghenu jew iffacilitaw din l-prostituzzjoni jew korruzzjoni.

Lil **OMMISSIS** u **OMMISSIS** talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin minnhom wkoll jekk fi zminijiet differenti ghamlu attentat fuq il-pudur ta' **OMMISSIS** persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena.

Lil **OMMISSIS** u **OMMISSIS** talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' **OMMISSIS** minorenni jew gabulha disordni f'mohha.

Lil **OMMISSIS** talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, meta hu fid-dmir taghha li tiehu hsieb **OMMISSIS** jew ta' persuni ohra li ma jkunux kapaci li jiehdu hsieb taghhom nnifishom, naqset li tiehu hsieb kif jinhtieg l-istess **OMMISSIS** jew persuni ohra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 1999 a fol 232 tal-atti.

Semghet lil imputati **OMMISSIS** u **OMMISSIS** jiddikjaraw li ma kellhom oggezzjoni l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan fis-seduta tal-ghaxra ta' Mejju 1999 kif jirrizulta a fol 239 tal-atti.

Semghet lil imputata **OMMISSIS** tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan fis-seduta tas-sbatax ta' Mejju 1999 kif jirrizulta a fol 240 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-hamsa ta' Mejju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar it-tmienja w ghoxrin ta’ Dicembru, 1998 **xehdet Dottor Greta Agius** kif a jirrizulta a fol. 34 et seq tal-atti fejn spjegat li hija kienet giet nominata b’digriet tal-Qorti bhala Qorti Struttorja mill-Magistrat Dr. Carol Peralta. Dottor Agius fil-fatt esebiet ix-xhieda tat-tlett imputati odjerni li ttiehdet bil-gurament, kif ukoll esebiet x-xhieda ta’ **OMMISSIS**. Tghid ukoll illi meta hija hadet ix-xhieda bil-gurament tat-tlett imputati hija kienet wissiethom li huma kellhom d-dritt li ma jwiegbu ghal ebda domanda li kienet ser isirilhom u li jekk kienu ser jirrispondu, dan kien ser jitnizzel bil-miktub u li seta’ jingieb bhala prova. Meta hadet ix-xhieda tal-minuri **OMMISSIS**, Dottor Agius spjegat is-sinifikat tal-gurament stante l-eta taghha.

Illi fl-istess seduta tat-28 ta' Dicembru, 1998 **xehdet il-minuri OMMISSIS** u dan skond ma jirrizulta a fol. 50 et seq. tal-process. Hija tibda biex tghid illi taf minn huma l-imputati **OMMISSIS** u **OMMISSIS** u dan peress illi z-zewg imputati huma girien taghha. **OMMISSIS**, fil-bidu tax-xhieda taghha, tghid illi **OMMISSIS** kien jsawwatha u dan ta' ghal ta' xejn b'xejn. Hija tghid ukoll illi lil **OMMISSIS** kienet tarah ta' spiss id-dar taghha u kienet tara lilu u lill ommha jaraw it-televizjoni flimkien. Meta giet mistoqsija x'kienu jaghmlu hija wiegbet illi "*ma kienux jaghmlu xejn aktar*". Tkompli tghid din ix-xhud illi "*l-mami tieghi dejjem kienet tkun bil-hwejjeg, qatt ma rajtha minghajr hwejjeg. Jiena wkoll kont inkun bil-hwejjeg u fil-fatt qatt ma nzajt hwejgi quddiem* **OMMISSIS**. *Nixtieq nghid illi l-mami gieli sawtitni bl-imgharfa ta' l-injam u dan peress li jiena gieli kont inkun imqarba meta kont niggieled m'ohti li illum ghandha hames snin*" u "*Jiena* **OMMISSIS** *qatt ma kien idejjaqni d-dar u fil-fatt qatt m'ghidtilha lill-mami biex ma jigix. Jiena lill-mami qatt ma rajtha tara xi films ma'* **OMMISSIS** *u lanqas taqra xi kotba mieghu. Lil* **OMMISSIS** *gieli rajtu jaghti xi flus lill-mami tieghi. Kont narah jaghtiha xi Lm10*".

Imbaghad tghid illi "*Il-mami m'ghandhiex boyfriends u ma ggibx irgiel ohra d-dar*". Wara li issemmew it-teacher ta' l-iskola taghha Ms. Lombardi u s-social worker Marthese Schiavone, din ix-xhud bidlet il-verzjoni taghha u bdiet biex tghid illi "*jiena hawnhekk qed nibza' ghax jekk nghid kollox il-mami ttini xebgha. Nghid li l-mami kemm-il darba kienet tbaghbas ma' zewgt irgiel li hawn fl-Awla bhala imputati*". Tghid ukoll illi ommha "*kienet tbushom fuq xoffithom u kienet izzieghel maghhom fuq wicchom, wkoll gieli kienet tbushom fuq wicchom, gieli wkoll kienet tbushom fuq sidirhom. Nixtieq nghid illi dawn* **OMMISSIS** *u* **OMMISSIS** *kienu jkunu d-dar taghna minghajr hwejjeg.*" Izzid tghid illi "*hija* [ommha] *kienet toqghod titbewwes maghhom kemm fil-kcina kif ukoll fuq is-salott. Films pero' qatt ma raw quddiemi flimkien. Il-mami wkoll kienet tkun bla hwejjeg. Quddiemi huma kienu joqghodu jbusu lill-mami wkoll. Nghid illi huma kienu jbusuha fuq il-parti genitali taghha. Nghid illi l-mami kienet thallini nkun quddiemhom, qatt ma qaltli biex iimur 'l hemm. Jiena kont*

*naghmel il-homework tal-iskola. Jiena kont inkun bil-hwejjeg tieghi"*.

Dwar x'kien jigri meta **OMMISSIS** kienet tkun prezenti u cioe jekk xi hadd mill-imputati kienux jaghmlulha xi haga, hija tghid illi "*meta kienu jaghmlulha hekk il-mami ma kienet tghid xejn. Nghid illi fil-fatt lili qatt ma ghamluli xejn, qatt ma bisuwni*".

L-imputati, tghid **OMMISSIS**, ma kienux jkunu f'daqqa d-dar taghhom. Ghal bidu, meta kienet zghira kien jmur **OMMISSIS**, imbaghad wara li dan ta' l-ahhar waqaf jmur beda jmur **OMMISSIS**. Hija fil-fatt tghid illi meta ghalqet is-sitt snin **OMMISSIS** beda jigi ghandhom id-dar u **OMMISSIS** waqaf. Jennifer tghid illi **OMMISSIS** u **OMMISSIS** kienu jaghmlu l-istess affarijiet.

Illi nhar it-3 ta' Frar, 1999 **regghet xehdet OMMISSIS** kif jirrizulta a fol. 140 et seq tal-atti fejn qalet illi l-genituri taghha kienu jsawtuha meta hija kienet tkun imqarba. Tghid ukoll illi kemm **OMMISSIS** u kemm **OMMISSIS** kienu jigu d-dar ghandhom meta ma kienx ikun hemm missierha prezenti u li dawn iz-zewgt irgiel gieli gew flimkien. Tghid illi "*dawna kienu jnezzghu il-mummy u gieli lili. Nghid illi dawn iz-zewgt irgiel kienu jbusu l-mummy tieghi kemm fuq sidirha kif ukoll fil-parti t'isfel u gieli kienu jaghmlu hekk lili wkoll wara li kienu jlestu mill-mummy kienu jaghmlu hekk lili wkoll. Nghid illi gieli kien jigi* **OMMISSIS** *u gieli kien jigi* **OMMISSIS** ". Dawn l-affarijiet tghid **OMMISSIS** kienu jsiru fil-kamra tas-sodda, u li fis-salott jew fil-kcina ma kien jsir xejn. Missierha kien ikun ghax-xoghol u li dawn l-irgiel kienu jaghmlu hekk maghha meta hija kienet tirritorna lura mill-iskola. Tghid ukoll illi "*meta lili kienu jnezzghuni u jbusuni ommi kienet tkun hemm hekk*" u "*Il-mummy qatt ma kienet twaqqafhom. Il-mummy pero ma kienetx toqghod hemm hekk*". Dwar x'kien isir minn dawn l-irgiel fuqha hija tghid illi "*lili kienu jmissuli sidri u l-parti tieghi t'isfel ukoll, wara li jkunu lesti mill-mummy*" u "*dawn l-irgiel kienu jkunu mindudin fuqi u jbusuli sidri. Dak il-hin dawn l-irgiel ma kienux ikunu bil-hwejjeg. Jiena wkoll kont inkun bla hwejjeg... Meta dawn l-irgiel kienu jaghmluli hekk il-mummy ma kienet*

*twaqqafhom, kienet thallihom. Jiena lill dawn l-irgiel qadt ma missejthom, ghalkemm kienu jkunu fuqi* ". Tghid ukoll illi lil dawn iz-zewgt irgiel "*gieli rajthom mindudin hdejn xulxin u l-mummy kienet tkun tizfen fin-nofs u* **OMMISSIS** *jew* **OMMISSIS** *kien ikun fuqha. Dan kien isehh fil-kamra tas-sodda*". **OMMISSIS** tghid illi dawn l-affarijiet kienu jsiru ta' spiss u meta kienu jsiru hija kienet tkun fil-kamra tas-sodda maghhom. Dwar il-filmati li kienet tara, Jennifer tghid illi "*jiena gieli kont nara films pastazi mal-mummy u kienet tghidli biex noqghod attenta sabiex meta jigi* **OMMISSIS** *u* **OMMISSIS** *jiena nkun nista naghmel bhal dawk tal-films. Dawn kienu films tal-pastazati. Ikunu films ta' rgiel u mara jinzghu, joqghodu jitbewsu u jintefghu fuq is-sodda. Dawn il-films jiena kont narhom ta' spiss.* **OMMISSIS** *u* **OMMISSIS** *kienu jkunu hemm hekk meta jiena kont nara dawn il-films*". Izid tghid illi "*gieli wkoll* **OMMISSIS** *i u* **OMMISSIS** *kienu jdahlu subajhom fil-parti t'isfel tieghi, u dan kien jigri ta' spiss. Lill-mummy kienu jaghmlulha hekk ukoll. Jiena kont irrid nghid lill-* **OMMISSIS** *u l-* **OMMISSIS** *biex ihalluni pero l-mummy kienet tghidli biex inhallihom biex jaghmluli hekk, ghaliex l-ewwel kienu jaghmlu lilha hekk u imbaghad kienu jaghmlu lili ukoll".* **OMMISSIS** tghid illi *"jiena ma kontx inhalli lill* **OMMISSIS** *u l-* **OMMISSIS** *jaghmlu dawn l-affarijiet mieghi l-mummy kienet ittini xeba".*

Illi fl-14 ta' April, 2000 regghet xehdet **OMMISSIS**. Hija giet mistoqsija jekk missierha kienx idum biex jigi d-dar mix-xoghol hija qalet illi missierha kien jirritorna lura ghal habta ta' l-4.00p.m. jew l-4.30p.m. Meta kien jirritorna lura d-dar, tghid din ix-xhud, missierha ma tantx kien johrog u kien dejjem ikun fil-vicinanzi tad-dar. Meta kien johrog missierha, kien imur jara lil ommu u **OMMISSIS** tghid illi meta missierha kien jmur ghand ommu, hija kienet tmur mieghu.

Illi waqt li kienet qeghda tixhed din ix-xhud, f'din is-seduta tal-14 ta' April, 2000 il-Qorti innotat illi hija kienet imwerwra u meta giet mistoqsija jekk hija kienitx qeghda tibda mill-Qorti, l-minuri wiegbet fl-affermattiv. Illi meta regghet xehdet fit-22 ta' Gunju, 2000, din ix-xhud qalet illi "*l-ahhar darba bzajt mill-Magistrat peress li hsibt li malli*

*nixhed jirrabja mieghi xi hadd. Illum m'iniex qed nibza' u nghid li jiena hsibt li l-mummy tirrabja mieghi*".

**L-Ispettur tal-Pulizija Simon Galea** xehed ukoll fit-28 ta' Dicembru, 1998 kif jirrizulta minn fol. 56 et seq. tal-atti. Huwa qal illi fit-18 a' Novembru, 1998 kellu rapport minghand is-social worker Marthese Schiavone dwar il-problemi li kienu qeghdin jaffrontaw zewg it-tfal u cioe **OMMISSIS** u **OMMISSIS** ahwa **OMMISSIS**. L-allegazzjoni kienet li dawn kienu qeghdin jigu abbuzati minn zewg persuni u cioe minn **OMMISSIS** u **OMMISSIS** fil-presenza ta' ommhom **OMMISSIS**. L-Ispettur Galea qal illi wara li tkellem ma' Marthese Schiavone, huwa informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Carol Peralta li hatar lil Dr. Greta Agius sabiex tghin fl-inkjesta in kwistjoni.

L-Ispettur Galea jzid jghid illi t-tfal in kwistjoni gew mehuda mill-kustodja tal-genituri u prezentement kienu qeghdin jinzammu ghand is-sorijiet ta' Gwardamangia.

Fl-24 ta' Novembru, 1998, kompla jzid l-Ispettur Galea kien ha, fil-presenza ta' Dr. Greta Agius, PS545 Joseph Refalo u WPC87 Fenech, stqarrijiet guramentati ta' **OMMISSIS**, ta' **OMMISSIS**, ta' **OMMISSIS** u ta' **OMMISSIS**.

Illi fit-28 ta' Dicembru, 1998 xehed **is-Surgent tal-Pulizija 38 Paul Zahra** li qal illi fit-18 ta' Novembru, 1998 ghal habta tas-siegha, wara li kien dahal ghax-xoghol, kien baghat ghalih l-Ispettur Simon Galea fejn wara li informah bl-investigazzjoni li kienet ghaddejja, huwa dahhal rapport fuq din l-istess investigazzjoni fil-computer. Dan ir-rapport gie ezebit bhala Dok. AB5.

Xehdet ukoll **Marthese Schiavone**, social worker u dan kif jirrizulta a fol. 69 et seq tal-atti fejn qalet illi ghal habta tas-sena 1997 kien sar rapport anonimu lic-child protection unit dwar tifla minuri li kienet qeghda tigi bullied u li kienet qeghda tigi ipprostitwita. Il-minuri in kwistjoni kienet **OMMISSIS**. F'Dicembru, 1997 kien sar rapport ukoll mill-Headmistress ta' l-iskola li tattendi **OMMISSIS** f'dan is-sens. Fil-15 ta' Dicembru, 1997 din ix-xhud

iltaqghet ghal-ewwel darba mal-minuri **OMMISSIS** u din ta’ l-ahhar infurmata li hija kienet qeghda tiddejjaq mis-swat li kienet qeghda taqla – b’maghrfa ta’ l-injam – u li ma setatx tissaporti aktar. **OMMISSIS** qaltilha illi kienet qeghda tigi bullied l-iskola. Tghid ukoll illi hija, flimkien ma social worker ohra kienu ghamlu surprise visit fid-dar ta’ fejn kienet toqghod il-minuri **OMMISSIS**. L-omm inhasdet b’din il-vista u meta din ix-xhud qaltilha bl-iskop tal-vista taghhom, l-ommha “*qaltilna tajjeb peress li t-tifla qaltilha li kienet qed tigi msawwta l-iskola. Meta staqsejniha ghaliex m’ghamlitx rapporti qalet li kienet marret l-iskola pero’ ma haditx sodisfazzjoni*”. Schiavone kienet anke baghtet ghal missier **OMMISSIS**, izda meta dan baqa ma marrx ghall-appuntament, hija kienet marret issibu fuq il-post tax-xoghol. Kienet qaltlu ukoll illi l-interess taghha kien li tara li l-minuri tigi protetta. Il-missier pero qal illi huwa ma kien jaf b’xejn minn dan kollu u minkejja li kien jaf li kien hemm xi affarijiet ghaddejjin id-dar, huwa ma xtaq jaghmel xejn u li ried jghix hajja kwieta. Marthese Schiavone tghid illi hija baqghet issegwi lit-tifla, u setghet tikkonstata illi din baqghet ghaddejja bid-*disrupted behaviour* taghha. Tghid ukoll din ix-xhud illi “*din it-tifla kienet tiekol il-gomom u l-lapsijiet, kienet taghmel il-lunch taghha mal-mejda, tghid li ser tirremetti u fil-fatt tirremetti, kienet ukoll taghmel affarijiet extremes*”. Izzid tghid illi “*kienet tifla imdejqa, dejjem tibki ghall-ghajnuna. Fil-fatt dejjem kienet turi certu biza pero raguni ghaliex ma kienetx tghid*”.

Schiavone tghid ukoll illi hija kienet sejhet laqgha bejn il-headmistress, it-teacher u l-genituri ta’ din it-tifla. Meta l-genituri taghha gew ikkonfrontati bil-fatt illi t-tifla taghhom kienet qeghda “*tispjega ezattament x’isir waqt l-att sesswali lit-tfal l-ohra*” huma “*stqarru li ma kienu jafu b’xejn u lanqas minn fejn kienet tghallmithom*”.

Wara li t-tifla bdiet tattendi ghal *play therapy sessions* u anke bdiet tmur summer school hija bdiet tirregistra progress, “*pero t-tifla dehret li baqghet imbezza*”. Ghalkemm din ix-xhud waqfet milli tkompli tara lill-minuri, din ta’ l-ahhar xorta baqghet tigi monitored. Kien lejn Novembru, 1998 illi l-headmistress regghet ghamlet kuntatt ma din ix-xhud fejn infurmatha illi l-problemi

baqghu u anzi zdiedu fis-sens illi irrizultalha illi kien hemm garr li beda jabbuza minn din il-minuri u l-omm ma kienet qeghda taghmel xejn. Anke l-istat tal-minuri ma tantx kien wiehed tajjeb u dan fis-sens illi ma kienitx qeghda tkun mizmuma tajjeb u kienet tmur l-iskola mahmuga.

Illi fl-4 ta' Ottubru, 1999 regghet xehdet Marthese Schiavone li qalet illi "*it-tfal il-bniet huma mxennqin hafna u jixtiequ jziedu l-kuntatt m'ommhom*". Tkompli tghid illi "*it-tifla vera ghadha mdejqa sa llum u fi-fehma tieghi dan ghaliex mhux qeghda tkun m'ommha*".

Illi nhar it-28 ta' Dicembru, 1998 **l-Ispettur Carmelo Magri** esebixxa certifikat tat-twelid tal-minuri kif jirrizulta a fol 83 tal-atti markat bhala dokument AB 6.

Illi fit-28 ta' Dicembru, 1998 xehed ukoll is-**Surgent tal-Pulizija 545 John Refalo** kif jirrizulta a fol. 84 tal-atti fejn qal illi huwa kien xhud ta' l-istatements immarkati bhala Dok. AB2, 3 u 4 u gharaf il-firma tieghu fuq dawn l-istatements. Gharaf ukoll il-firma ta' Dr. Greta Agius u tal-akkuzati. Qal illi qabel ma ttiehdu dawn l-istqarrijiet saret is-solita twissija mill-Ispettur u l-imputati wiegbu d-domandi imposti lilhom.

Fit-28 ta' Dicembru, 1998 xehdet ukoll **Sina Lombardi** kif jirrizulta a fol. 86 et seq tal-atti fejn qalet illi hija tghallem fl-iskola primarja B ta' Birkirkara u kienet l-ghalliema tal-minuri **OMMISSIS**. Tghid illi hija kienet baghtet ghall-**OMMISSIS** meta kien hemm tifla li stqarret maghha illi **OMMISSIS** kienet qeghda tghidilha l-pastazati. Meta hija bdiet titkellem mal-minuri, din tiftah qalbha maghha u qaltilha illi kien hemm certu **OMMISSIS** li kien qieghed jabbuza minnha. Meta staqsietha l-ghaliex ma kienitx tiqaflu, hija qalet illi kieku kienet taghmel hekk, kienet taqla xebgha. **OMMISSIS** baqghet tiftah qalbha ma din ix-xhud anke wara li din ta' l-ewwel ma baqghetx fil-klassi taghha. Tghid ukoll illi **OMMISSIS** qatt ma semmitilha xi kazijiet ta' *bullying* fir-rigward taghha, u tghid ukoll illi "*din it-tifla gieli kienet tigi l-iskola bi hwejjeg mahmugin, gieli b'xaghrha mhux f'postu*". **OMMISSIS** kienet tghidilha ukoll

illi hija kienet tigi imsawwta, izda din ix-xhud qatt ma rat tbengil jew marki ta' swat.

Illi nhar it-3 ta' Frar, 1999 **regghet xehdet Dottor Greta Agius** kif jirrizulta a fol 103 et seq tal-atti fejn esibit r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument GA. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta illi t-tlett imputati kienu ghamlu stqarrijiet guramentati quddiemha. Dawn l-istqarrijiet il-Qorti sejra taghmel referenza ghalihom aktar il-quddiem f'din is-sentenza.

Illi nhar it-3 ta' Frar, 1999 **xehed Doctor Stephen Attard** kif jirrizulta a fol. 113 et seq tal-atti fejn qal illi huwa kien ezamina lill- **OMMISSIS** fit-18 ta' Novembru 1998 gewwa c-Child Assessment Unit fl-Isptar San Luqa. Maghha kien hemm soru minn Angela House. It-Tabib Attard jghid illi "*irrizultali illi kien hemm diversi sinjali zghar fil-parti genitali taghha li jindika one inch sexual abuse*". Meta sar dan l-ezami, l-genituri tal-minuri ma kienux prezenti. Qal ukoll illi **OMMISSIS** kienet qed tilmenta mill-fatt illi kienet qed tahraqha l-pipi. Dr. Attard jghid ukoll illi "*l-izvilupp fiziku taghha kien wiehed normali anke fil-konfront ta' l-izvilupp mentali taghha*". L-istess Tabib Attard ghamel ukoll Mental Health Examination u qal illi "*Jennifer gabet ruhha bhala tifla 9 year old normali, cooperative, intelligenti u bright hafna*". Jzid jghid Dr. Attard illi "*din it-tifla fl-ezami taghha ma kelliex distragg l-anqas ta' sexual transmitted diseases bhal thrush, l-anqas ma kellha bruises, pero kellha <u>sinjali kronici ta' sexual abuse</u> u dan billi jekk tara l-hymen ta' din it-tifla nghid illi l-irregolarita ta' din it-tifla kien mainly fis-7 u teleflop position, u cioe fil-margini ta' l-istess hymen*". Jkompli jghid illi "*l-hymen ta' din it-tifla ohxon. Is-soltu tifla ta' 9 snin il-hyman jkun irqieq u regolari. Nghid ukoll li kellha new vessel formation fil-parti tal-hymen taghha u dan billi meta jkun hemm infjammazzjoni f'dik il-parti tal-gisem il-gisem irabbi certu defence biex jikkombatti din l-istess infjammazzjoni*" u "*F'dan il-kaz peress li kien hemm new vessel formation dan kien evidenti hafna. U f'dan il-kaz kien hemm hafna vini zghar li infiltraw f'din il-parti f'tas-7 u teleflop position*". Dwar il-hymen tal-minuri t-Tabib Attard jghid illi "*il-hymen horizontal diameter kien 6mm u normali ta' din it-tifla meta jiena ezaminajta kien*

*below 4mm. U dan ifisser li ghalkemm ma hemmx sinjali ovvji u kbar ta' pure sexual abuse pero milli istudji taghna nafu li dawn huma ndikazzjonijiet ta' flaming sexual abuse. Meta jkollok dan it-tip ta' "flaming sexual abuse" jista jaghti wkoll lok ghal bleeding, pero ma jkunx heavy bleeding*". Jzid jghid illi "*din it-tifla ghadha ma ratx l-ewwel period taghha*".

Meta t-Tabib Attard gie mistoqsi jekk it-tifla setghetx kellha hakk f'dik il-parti ta' gisimha u konsegwentement dak li ikkonstata dan ix-xhud setax kien kawza ta' dan il-hakk, huwa wiegeb billi qal illi "*kieku kienet rizultat ta' hakk, kien ikun hemm ukoll infection flimkien ma dak li sibt u jiena ma sibtx dan il-kaz. Pero seta kien il-kaz li kellha hekk qabel ma l-infection lehaq ghadda qabel ma ezaminajtha jien, pero huwa mprobabbli f'dan il-kaz*". Meta t-tabib gie mistoqsi jekk setax kien hemm xi penetrazzjoni fil-parti genetali tal-minuri, dan ix-xhud jwiegeb fin-negattiv. Meta pero gie mistoqsi jekk kienx hemm *finger penetration* huwa qal illi ma jistax jikkummenta dwar dan il-fatt. Aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu jghid illi "*dak li sibt fil-parti genetali ta' din it-tifla seta kien rizultat ta' fingering*" (ara fol. 118 tal-atti).

Meta reggha xehed it-tabib Attard fl-4 ta' Ottubru, 1999 huwa qal illi "*ma nistax nikkonferma lil Qorti illi l-findings tieghi dakinhar kienu tali li jindikaw sexual abuse mehuda wahedhom per se on examination biss*" u meta gie mistoqsi in kontro-ezami mill-prosekuzzjoni "*pero lanqas ma nista neskludi*".

Illi nhar it-3 ta' Frar, 1999 **xehdet WPC 87 Ismael Fenech** kif jirrizulta a fol. 129 et seq tal-atti fejn qalet illi hija kienet involuta waqt li kien qieghed jittiehed l-istatement ta' l-imputata **OMMISSIS** u kienet ukoll involuta meta **OMMISSIS** ittiehdet minghand ommha. Fil-fatt din ix-xhud tghid illi "*Meta jiena kont qed nehodhom minn ma ommha hija bdiet tghid illi l-mami qatt ma ghamlitli xejn*".

Illi nharit-3 ta' Frar 1999 **xehdet Rita Briffa** kif jirrizulta a fol. 131 et seq tal-atti fejn qalet illi hija kienet l-ghalliema ta' **OMMISSIS** tul is-sena akkademica 1997/1998 gewwa

l-Iskola Primarja B ta' Birkirkara. Tghid illi t-tifla kellha problema dwar il-komportament taghha (behaviour) u li kienet tiekol il-gommom, l-lapsijiet, il-crayons u t-truf tal-kotba. Ziedet tghid illi t-tifla kienet tibda bil-problemi minn filghodu kmieni. Tghid illi "*din it-tifla dejjem tibki u trid tmur it-toilet ta' spiss, qadt ma kienet kuntenta ... it-tifla kienet nieqsa minn attenzjoni*". Din ix-xhud tghid illi t-tifla kienet tigi *bullied* gewwa l-iskola u anke kienet tisfa msawwta. Anke l-komportament ta' **OMMISSIS** ma kien xejn pjacevoli fis-sens illi "*fil-baskett ta' din it-tifla kien ikun hemm rimettar, l-egent* [recte: atteggjament] *taghha xejn ma kien ikun pjacevoli, fis-sens illi imnihirha dejjem kien niezel u nghid illi kienet igieghlni mmis ir-rimettar tal-baskett taghha ghax ma kontx ninduna bih u naf illi meta t-tifla kienet tmur it-tiolet kont nghidilha biex taghlaq il-bieb, ghaliex hija kienet dejjem thallieh miftuh*". Anke l-abbiljament tat-tifla kienu jkunu mahmugin tkompli tghid Ms. Briffa.

Illi nhar it-3 ta' Frar, 1999 **xehdet Maryanne Zammit** headmistress ta' l-iskola Birkirkara Primary B kif jirrizulta a fol 135 et seq tal-atti. Hija tibda biex tghid illi **OMMISSIS** kienet giet trasferita minn skola ohra ghal ghandhom u "*malli din it-tifla giet trasferita ghal ghadna, indunajna li din it-tifla kellha xi haga mhux normali, peress li kienet tibki hafna, billi taghmel affarijiet mhux normali, billi tirremetti f'idejn it-teacher*". Tghid ukoll illi hija kellha diversi ilmenti minn genituri tat-tfal ohra li jattendu l-iskola taghha dwar il-komportament tal-minuri **OMMISSIS** u xi kliem li kienet tuza. Meta din ix-xhud kienet baghtet ghal genituri tal-minuri, huma kienu infurmawha illi huwa minnu li **OMMISSIS** kienet rat video pastaz. Kien ghalhekk illi din it-tifla tpoggiet fi programm ma social worker. Wara li kien ghadda xi ftit taz-zmien, regghaw bdew isiru xi lmenti minn genituri ohra, u meta hija baghtet ghat-tifla, it-tifla qaltilha illi "*kien jigi ragel id-dar u kienet tara l-att sesswali jsir quddiemha, bejn ommha u r-ragel li kien jigi d-dar*". Din ix-xhud kienet infurmat lill- **OMMISSIS** illi kienet ser iggib social worker u jekk din **OMMISSIS** kienitx lestha li terga tirrepeti dak li qaltilha lill din is-social worker. Tkompli tghid din ix-xhud illi "*tlett kwarti tas-sena ta' year 4 it-tifla ghaddieta fl-ufficju tieghi – u dan peress li kelli*

*diversi rapporti minhabba disruption li kienet tikkreja din it-tifla*".

Illi nhar it-22 ta' Marzu, 1999 **xehed Doctor Joseph Spiteri** kif jirrizulta a fol. 172 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien gie nominat sabiex jezamina lill-minuri **OMMISSIS**, kif fil-fatt ghamel. Huwa beda biex qal illi "*l-esami psikjatriku tieghi fuq din it-tifla kien jikkonsisti f'zewg partijiet, kelli nara jekk fil-fatt l-istat psikjatriku ta' din il-minuri setgha jikkonflitti f'dak li fil-fatt kienet qieghda tghid din l-istess minuri. Jiena ezaminajt l-istat mentali taghha u ma rrizultali l-ebda 'disturb' fis-sens tat-tifsira ta' genn skond il-ligi* ". Qal ukoll illi "*din it-tifla kellha IQ "below average" cioe li kienet 'below border line' ta' l-intelligenza normali. Dan ifisser li meta bniedem ikollu intellet baxx bhal dan il-kaz ma jkunx possibli li jirrepeti l-istess storja b'mod ripetut, bil-kontenut jibqa dejjem l-istess. Anke f'kaz fejn possibilment per ezempju tinghad xi gidba ikun hemm varjanza meta din tigi ripetuta l-aktar meta nkunu qed nitkellmu fuq tifla ta' disa' snin. L-IQ huwa wiehed normali u ghalhekk jekk dak li qalet it-tifla jaqbel ma dak li rrizultali mir-rapporti diversi kien ikun genwin*".

Kompla jghid Dr. Spiteri illi "*tifla ta' disa' snin mhux soltu taghhom li jkunu jafu ezattament id-differenza bejn ragel u mara fis-sens tal-genitali taghhom fid-dettal. Ghalhekk jiena kelli nara 'through lie detection question' biex nara jekk din it-tifla veru ratx dawn l-affarijiet jew le u ghalhekk minnufih bdejt nistaqsiha x'kienu d-differenzi bejn ragel u mara. Fil-konsistenza ta' l-IQ taghha bdiet tirrakuntali li ragel ikollu xaghru qasir waqt li mara jkollha xaghra twil. Mara ikollha dublett u ragel ikollu qalziet u qaltli affarijiet ohra ta' dan il-generu*". It-Tabib Spiteri talab lil Marthese Schiavone jekk setatx tghinu fil-gbir ta' dan it-tip ta' informazzjoni u dan peress illi hija kellha kuntatt ma' **OMMISSIS** ghal perjodu itwal minnu. Huwa jzid jghid illi "*wara ftit granet it-tifla baghtitli karta zghira b'deskrizzjoni tad-differenza tal-genitali tar-ragel u l-mara*". Din il-karta giet esebita bhala Dok. CM. Dr. Spiteri jghid ukoll illi "*jiena ghalhekk rajt li kien hemm dan it-turning point fl-istorja li kienet bdiet tirrakonta fl-isfond ta' l-eta taghha kienet ghalhekk tidher li prima facie kienet vera*".

L-istess Dr. Joseph Spiteri – f'din is-seduta tat-22 ta' Marzu, 1999 – esebixxa r-rapport maghmul minnu. Minn qari akkurat ta' dan l-istess rapport u wara li l-Qorti rat il-konkluzzjoni ta' dan ir-rapport jirrizulta illi "*Il-minorenni* **OMMISSIS** *tat rakkont ta' hajjitha fejn kienet qed tigi esposta ghal atti sesswali bejn l-adulti li wahda minnhom kienet ommha stess. Hija wkoll kienet esponuta u mgieghla taghmel certi atti sesswali pero ma jidhirx illi kien hemm deskrizzjoni ta' penetrazzjoni ta' kwalunkwe haga jew organu sesswali fil-gisem ta'* **OMMISSIS**. *Dan dejjem skond dak li rrakkontat* **OMMISSIS** *... Il-fatt li din il-minorenni rrepetiet ir-rakkont taghha lil nies differenti, seta jkun hemm il-fatt li hi tghalmet storja u baqghet tirrepetiha, pero dan il-fatt jista jigi annullat ghaliex wara l-ezami ta' l-I.Q. deher car li* **OMMISSIS** *ghandha below average I.Q. u huwa difficli hafna ghal xi hadd ta' l-eta ta'* **OMMISSIS** *biex jaghti l-istess rakkont ta' xi storja vvintata ripetutament minghajr ma jiehu zbalji jew jibdel in-natura ta' l-istorja. Huwa fatt ukoll illi ma kien hemm ebda sinjali ta' disturb mentali f'sens ta' psikozi fejn* **OMMISSIS** *setghet kienet tilfet il-kuntatt mar-realta u b'hekk iddiskriviet xi deluzjoni minn taghha li ghalkemm ghaliha tkun vera, fil-fatt, fir-realta ma tkunx hekk... Ghaldaqstant, mill-fatti msemmija hawn fuq, l-indikazzjonijiet huma illi r-rakkont ta'* **OMMISSIS** *huwa prima face vera u tiddiskrivi stat ta' abbuz sesswali, fiziku u wisq aktar psikologiku u dan jista jhalli effett negeattiv hafna fuq din il-minorenni*".

Illi meta reggha xehed dan l-espert tal-Qorti fit-22 ta' Lulju, 1999 huwa qal illi minn ezami psikjatriku li huwa ghamel, ma dehrlux li kien hemm penetrazzjoni.

Illi fis-26 ta' Novembru, 2001 dan ix-xhud reggha xehed u qal illi kien sar l-WISC-R fuq il-minuri **OMMISSIS** minn psychologist tieghu. Dan it-test jirifletti livell ta' intellet u intelligenza. Jghid ukoll illi l-livell ta' intelligenza huwa mportanti sabiex wiehed jara il-ko-relazzjoni bejn l-intelligenza u l-immaginazzjoni. Meta gie mistoqsi jekk huwa ibbazzax il-konkluzzjonijiet tieghu fuq dan ir-rapport, huwa jwiegeb fin-negattiv. Dr. Spiteri jghid illi "*dan it-test sar sabiex jghini sabiex il-konkluzzjonijiet li wasalt*

*ghalihom jiena nistax norbot fuqhom jew le u ghalhekk huwa importanti li dan it-test isir minn xi hadd indipendenti. Il-livell ta' intelligenza ta' din it-tifla jaghtina idea kemm livell ta' imaginazzjoni jew concievness kellha pero dan m'ghandu x'jaqsam xejn dwar x'gara u ma garax*". Jkompli jghid illi "*il-presentations li jidhru fil-pitturi li ghamlet din it-tifla huma representation ta' xi hadd adult li gie espost ghal certu behaviours li normalment ma jkunux esponuti ghalihom. It-tifla bdiet taghmel representations serji ta' dawn l-affarijiet fis-sens ta' differenzi fis-sess bejn ir-ragel u l-mara. Naturalment jiena ma nistax nghid ma min saru kif saru pero li saru zgur nista nghidu. Mistqosi jekk fil-fatt it-tifla first time information fis-sens li hija ma ratx dawn l-affarijiet live izda rat per ezempju film pornografiku, nghid li t-tifla ma tkunx f'posizzjoni li taghmel it-tpengijiet li ghamlet pero jekk hija rat l-affarijiet isiru b'mod sesswali bejn ragel u mara tkun f'posizzjoni li taghmel dawn it-tpengijiet. Nixtieq nghid ukoll li meta nghid exposure, exposure irid ikun wiehed adequate, regolari biex it-tifla tkun f'posizzjoni li taghmel dawn it-tpengijiet li ghamlet*".

Illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 1999 **xehed Dr. Victor Calvagna** kif jirrizulta a fol. 201 et seq tal-atti fejn qal illi huwa kien gie nominat mill-Qorti sabiex jinvista b'mod mediku lil minuri **OMMISSIS**. Huwa esebixxa ukoll r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. VC. Illi minn qari akkurat tal-konkluzzjoni ta' dan l-espert jirrizulta illi ghalkemm l-ezami mediku tieghu fuq il-minuri **OMMISSIS** ma wera l-ebda sinjal fiziku ta' abbuz sesswali fuq il-persuna ta' l-istess minuri huwa kompla biex jghid illi dan in-nuqqas ma jeskludiex li ma kienx hemm abbuz sesswali. Dr. Calvagna jghaddi biex jghid illi huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni a bazi ta' diversi ragunijiet fosthom li s-sinjali ta' abbuz jistghu ma jkunux ta' natura permanenti u ghalhekk fi ftit gimghat ifiequ u ma jhallu l-ebda marka. L-istess Tabib Calvagna jsemmi li mill-ezami maghmul minn Dr. Stephen Attard u l-ezami li ghamel hu fuq l-imsemmija minuri kien hemm xi tibdiliet fil-parti genitali tal-minuri fis-sens illi huwa (Calvagna) ma sabhomx ghax kienu fiequ. It-tieni punt li jsemmi huwa li penetrazzjoni digitali tista ma thalli l-ebda sinjal ta' abbuz

jew inkella s-sinjali jistghu jkunu ta' natura temporanja u wara li jfiequ, ma jhallu l-ebda marka. L-espert nominat mill-Qorti Dr. Calvagna jghaddi biex jikkwota minn rapport li sar minn working party tar-Royal College of Physicians tal-Ingilterra. "*Presentation of abuse occurs in a number of ways, some clearly indicating the probability of abuse whilst others lead only to the suspicion that abuse is a possibility. Thus, the child may disclose abuse or, more commonly may show behavioural changes, psychosomatic or physical symptoms which suggest abuse as one of a number of differential diagnosis. It should be stressed that a clear statement by the child is the single most important factor in making a diagnosis of sexual abuse*" u "*a diagnosis of sexual abuse should rarely, if ever, be made on the physical signs alone*". Jkompli jghid dan l-espert illi "*l-aktar prova krucjali li l-abbuz sar hija dak li qalet* **OMMISSIS** *stess u kemm dak li qalet Jennifer huwa konsistenti u car. L-esponenti ma ghandux dubju li dak li qalet* **OMMISSIS** *huwa konsistenti peress li l-istess kliem qalitu lilu, lil Sr. Andrea Canataci, lid-Dottoressa Monica Xuereb u lill-headmistress tal-iskola. Dak li gara* **OMMISSIS** *qalitu ukoll fil-kitbiet taghha*". Jghid ukoll illi "*tifla ta' disgha snin ma hiex kapaci tiddeskrivi materji ta' natura sesswali minghajr ma jkoll esperjenza taghhom. Dawn il-materji* **OMMISSIS** *giet esposta ghalihom meta kienet tara lill-hbieb ta' ommha jkollhom x'jaqsmu maghha (ommha), meta kienet tigi abbuzata hi stess minn dawn l-irgiel, u meta kienet tigi mgieghla tara films pornografici*". Finalment, il-konkluzzjoni ta' dan l-espert hija illi "*meta jara dan kollu jasal ghall-konkluzzjoni li* **OMMISSIS** *giet abbuzata sesswalment u m'ghandux dubju li l-fatti graw kif iddeskriviet* **OMMISSIS**".

Meta reggha xehed dan l-espert fit-22 ta' Lulju, 1999 huwa qal illi "*jiena nista nasal ghal konkluzzjoni illi penetrazzjoni bil-penis ma kienx hemm f'dan il-kaz. Li jista jkun hemm huwa rubbing bejn il-penis u l-genitali tat-tifla pero mhux penetration pero dan it-tali rubbing ma jhalliex marki permanenti. Kieku kien hemm penal penetration kien ikun hemm marki permanenti li f'dan il-kaz jiena ma sibtx*". Meta gie mistoqsi jekk minhabba l-

immaginazzjonijiet fertili tat-tifla ta' dik l-eta' jeskludiex jekk certi affarijiet li tghid din il-minuri jkunu iktar affarijiet ta' immiginazzjoni milli ta' realta huwa jghid illi "*dan jista jigri f'certi kazijiet. Peress li* **OMMISSIS** *dejjem qalet l-istess affarijiet lil diversi nies, dejjem baqghet konsistenti f'dak li qalet u mil-ezami li zammejna fuq din il-minuri hareg li din it-tifla kellha immaginazzjoni fertili pero bl-ezami li stajt zammejt stajt nara dak li kien jappartjeni lil immaginazzjoni u dak li kien jappartjeni lir-realta u jiena hawnhekk qieghed nixhed bhala espert tal-Qorti*".

Illi meta t-Tabib Calvagna reggha xehed fl-4 ta' Ottubru, 1999 huwa qal illi mill-ezami mediku li kien ghamel "*ma tantx kien hemm xi ssib fih bilfors kelli noqghod fuq ezami u apprezament tax-xhieda li smajt*". Jerga jghid illi "*fizikament ma kienx hemm hsara li kienet tindika abbuz sesswali*" u iktar tard fix-xhieda tieghu jghid illi "*ma kienx hemm sinjali medici ta' abbuz sesswali pero b'referenza ghal konkluzjoni li jiena lhaqt fir-relazzjoni tieghi nghid li kien hemm abbuz sesswali*".

Illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2001 **xehdet Dottor Monica Xuereb** li qalet illi minn ezami li kienet ghamlet fuq il-minuri, kien irrizultalha illi t-tifla setghet tiddistingwi bejn rejalta u fantasija. Tghid ukoll illi "*Meta jiena tkellimt mat-tifla irrizultali li t-tifla giet abbuzatha fuqha kif ukoll rat abbuzi jsiru quddiemha*". Tghid ukoll din ix-xhud illi meta **OMMISSIS** kienet qed taghmel dawk l-affarijiet li kienu ghamlu fuqha fuq tfal ohra dan huwa indikazzjoni cara li dawn l-affarijiet m'humiex xi fantasija.

Illi fis-seduta tal-4 ta' April, 2001 **xehdet OMMISSIS** u dan kif jirrizulta a fol. 404 et seq tal-atti. Hija qalet illi taf lill-imputati l-ohra u l-ewwel li kienet iltaqghet kien ma **OMMISSIS**. Sussegwentement saret taf lil **OMMISSIS**. Hija tghid ukoll illi hija saret taf li bitnha kienet qeghda tigi bullied u msawtha. Din ix-xhud tghid illi "*it-tifla tieghi hija tifla li tifantasizza hafna*". Dwar l-imputati l-ohra, din ix-xhud tghid illi **OMMISSIS** qatt ma dahal fid-dar taghha. Fir-rigward tal-imputat l-iehor, **OMMISSIS**, hija tghid illi kienet tarah kuljum, pero ma kienx jmur id-dar taghha kuljum. Huwa kien jmur id-dar ghandha fil-break tieghu ta'

bejn nofsinhar u s-siegha. Tghid ukoll illi gieli kien ikun hemm Jennifer id-dar meta kien ikun hemm **OMMISSIS**. Dwar l-allegazzjoni li saret fil-konfront taghha minn bintha u cioe li hija kien ikollha x'taqsam ma **OMMISSIS** u **OMMISSIS** quddiemha, din ix-xhud tichad dan il-fatt u "*lanqas m'huwa minnu dak li allegat binti illi ahna kien ikollna x'naqsmu maghha jew kien ikollna xi relazzjoni maghha definitely not*". Tghid illi jekk kienet tinzerta Jennifer id-dar, huma kienu jaraw it-televizjoni biss.

L-imputata tghid illi "*binti lili qatt ma qaltli li* **OMMISSIS** *missha u safejn naf jiena lanqas qatt ma qalet li xi hadd missha".* Tghid ukoll illi zewgha ma kienx jaf li **OMMISSIS** kien jidhol id-dar ghandha u li hija qatt ma rat kambjament fil-karattru ta' **OMMISSIS** qabel ma haduha s-sorijiet. L-unika problema li kellha **OMMISSIS**, skond l-imputata, kienet dik dwar l-iskola fis-sens li kienu jsawwtuha u li t-teacher taghha ma kienitx tahmilha u kienet titfahha l-barra mill-klassi.

Hija tghaddi biex tghid illi hija kellha wallunit id-dar li kien fiha l-encyclopedia. Ma din l-encyclopedia kien hemm medical book, u li f'dan il-medical book kien hemm chapter dwar l-anatomija tar-ragel u ta' mara. Jennifer kienet toqghod thares lejn dawn l-istampi. Pero dwar il-"*facts of life*" lil-bintha **OMMISSIS** qatt ma qaltilha xejn ghax kienet ghadha zghira.

Meta giet mistoqsija dwar x'hiex kienu qeghdin jippruvaw jghinuhom is-social workers, hija twiegeb u tghid illi "*is-social workers lilna qatt ma qalulna xejn. Baqghu sa l-ahhar nett u safejn naf jiena is-social worker kienet pruvat tghin lit-tifla bil-problemi taghha tal-iskola*". Din ix-xhud tispicca x-xhieda taghha billi tghid illi "*kull ma qalet binti fil-konfront tieghi huwa gideb. Rigward li konna naghmlu xi atti sesswali quddiemha u konna ndahhlu lilha huwa kollu gideb*".

Illi a fol. 41 et seq tal-atti hemm esebita stqarrija guramentata ta' l-imputata **OMMISSIS**. F'din l-istqarrija hija tametti li ghandha relazzjoni sesswali ma' **OMMISSIS**, kif ukoll kellha relazzjoni ukoll ma' missier **OMMISSIS**,

**OMMISSIS**. Hija tichad li qatt sar l-att sesswali quddiem bintha, jew li dan **OMMISSIS** qatt ghamel xi atti sesswali fuq bintha **OMMISSIS**. Ghalkemm hija tghid illi gieli rat xi videos ma **OMMISSIS**, tichad li qatt kien hemm prezenti maghhom **OMMISSIS**.

Illi fis-seduta tal-4 ta' April, 2001 **xehed OMMISSIS** u dan kif jirrizulta a fol. 411 et seq tal-atti. Huwa qal illi kien dahal fir-residenza ta' l-imputata **OMMISSIS** darbtejn biss. Okkazzjoni minnhom kien sabiex jbiddel ic-cilindru tac-cavetta tal-bieb ta' barra u darb' ohra sabiex inewlilha cilindru tal-gas. L-imputat jammetti illi huwa kellu relazzjoni ma l-imputata **OMMISSIS**, pero huwa jghid illi "*l-affarijiet li graw bejnietna saru barra f'post li kelli jiena pero f'dan il-post li jiena kont immur maghha bintha qatt ma giet. Konna mmorru fih fl-erbgha u kwart ta' filghodu. Jiena qatt ma kelli x'naqsam mal-imputata quddiem it-tfal taghha*". L-imputat jichad li qatt kien prezenti meta kien jirritorna lura zewgha mix-xoghol. Meta inqratlu l-istqarrija guramentata tieghu u li tinsab esebita a fol. 45 tal-atti, l-imputat jghid illi "*dak li hemm miktub mhux veru ghidtu jiena*". Cahad li huwa kien qal lill-Ispettur, waqt li kienet qeghda tittiehed din l-istqarrija, illi **OMMISSIS** kienet tifla kattiva u li huwa kien jsawwatha. Jichad illi huwa qatt miss il-parti sesswali ta' **OMMISSIS** u jghid illi "*dak li qalet* **OMMISSIS** *dwari mhux minnu, kollu gideb. Mhux minnu dak li qalet* **OMMISSIS** *dwari li jiena kont ikolli x'naqsam m'ommha quddiemha. Mhux veru lanqas li jiena kont nkun gharwien ghandhom u mmiss il-parti genitali. Dak kollu gideb. Mhux veru lanqas li jiena kont immissilha sidirha jew il-parti genitali taghha*".

Illi dan l-imputat kien irilaxxa stqarrija guramentata fl-24 ta' Novembru, 1998. Fiha stqarr illi huwa gieli kellu x'jaqsam sesswalment ma' **OMMISSIS** fid-dar taghha. Meta gie mistoqsi jekk huwa qattx sawwat lill-minuri **OMMISSIS**, huwa wiegeb fl-affermattiv u zied jghid illi "*dik it-tifla kattiva*". Mistoqsi jekk kienx ikun hemm prezenti **OMMISSIS** meta huwa kien jaghmel l-att sesswali ma **OMMISSIS**, huwa wiegeb fin-negattiv. Cahad ukoll il-fatt illi huwa kien jnezza lil **OMMISSIS** u joqghod jilghab maghha meta huwa jkun ghamel l-att sesswali ma'

**OMMISSIS**. Jammetti pero li kien hemm okkazzjonijiet fejn hu u **OMMISSIS** kienu jkunu fil-kamra tas-sodda u kienet tidhol f'din il-kamra l-minuri **OMMISSIS**. Pero huwa jghid illi kif appena kienet taghmel hekk il-minuri, huma kienu jkeccuha l-barra. **OMMISSIS** stqarr ukoll illi huwa ghadu jmur ma' **OMMISSIS**, pero dawn l-inkontri ma ghadhomx isiru fid-dar taghha, izda jmorru kmieni filghodu bil-karozza tieghu f'post li ghandu l-istess **OMMISSIS**.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2001 **xehed OMMISSIS** u dan kif jirrizulta a fol. 418 et seq tal-atti. Huwa jibda biex jghid illi huwa kien imur ghand l-imputata darba kull tlett gimghat u dan fil-hin tal-break tieghu. Meta kien imur ghand l-imputata hija kienet tkun wahedha u ma kienx ikun hemm la t-tfal u lanqas zewgha. Jghid illi "*l-affarijiet sesswali ma kienux isiru quddiem it-tifla peress li ma kienetx tkun hemm hekk. It-tifla qatt ma sibtha f'dar ommha meta kont immur hemm hekk pero naf li giet darba waqt li kont hemm hekk jiena*".

Dwar l-istqarrija rilaxxata minnu fl-24 ta' Novembru, 1998 dan l-imputat jghid illi "*jiena kont gejt mix-xoghol u qaluli li l-Ispettur ried ikellimni malajr. Bdejt nibza, qatt ma dhalt f'ghassa u kulma beda jghidli l-Ispettur jiena bdejt nghidlu iva. Mhux minnu li jiena ghamilt is-sess ma' din* **OMMISSIS**. *Dak li jiena ghidt fl-istatement lil pulizija mhux minnu. Jiena kelli hafna bizgha u qatt ma kont dhalt f'ghassa qabel*". Meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk meta kien kien ikollu x'jaqsam ma' l-imputata **OMMISSIS** huma kienux jinzghu, huwa qal illi "*ma konniex ninzghu gharwenin u jiena qatt ma hrigt ma' mara u kif isiru l-affarijiet jiena ma nafx. Meta kont naghmel dak ix-xoghol* **OMMISSIS** *ma kienetx tkun hemm hekk*". Finalment jghid illi "*ma niftakarx jekk saritliex id-domanda li jiena kont nilghab ma'* **OMMISSIS**, *peress li ma kienetx tkun hemm hekk ma kelliex xi mmiss. Mhux veru lanqas dak li qed jigi allegat li jiena dahhalt subghajha fil-parti genitali taghha. Dan jiena m'ghamiltu qatt. Ghal darba ohra nghid li dak li jiena kont naghmel ma'* **OMMISSIS** *ma kontx naghmlu quddiem bintha ghax ma kienetx tkun hemm*".

Illi waqt li kienu ghaddejjien l-investigazzjonijiet dan ix-xhud irilaxxa stqarrija guramentata u dan kif jirrizulta a fol. 47 et seq tal-atti. Fl-istqarrija tieghu dan ix-xhud jghid illi huwa kien jmur id-dar ta’ **OMMISSIS** u gieli kienu jaraw xi videos flimkien. Dawn il-videos kienu “*daqqa tajbin u daqqa pastazi cioe tas-sex*”. Jghid ukoll illi wara li kienu jaraw dawn il-videos, huma kienu jaghmlu s-sess fil-kamra tas-sodda. It-television fejn kien hemm il-video jinsab taht it-tarag, fejn hemm ukoll sufan u “*gieli qadna fuq is-sufan nitbewsu u naghmlu xi affarijiet ohra*”. Meta gie mistoqsi jekk kienx ikun hemm prezenti **OMMISSIS** waqt li jaraw il-videos, u x’tip ta’ videos kienu jaraw, huwa wiegeb fl-affermattiv, izda l-videos li kienu jaraw kienu “*tajbin*”. Huwa jghid ukoll illi **OMMISSIS** gieli rathom jaghmlu l-att taz-zwieg fuq is-sufan, pero kienu jkunu mghotijjin b’kutra. Meta gie mistoqsi jekk qattx miss lil **OMMISSIS**, huwa wiegeb fl-affermattiv u zied jghid illi “*mhux bi hsieb hazin kont inmiss lil* **OMMISSIS**”. Ammetta ukoll illi wara li kien ikollu x’jaqsam sesswalment ma’ **OMMISSIS** huwa kien joqghod jilghab ma **OMMISSIS** fis-sens illi kien inezzaha u kien joqghod ibabas sidirha u l-parti taghha. Reggha qal illi huwa kien jaghmel hekk “*mhux fuq hsieb hazin*”. Meta gie mistoqsi x’igifieri hsieb hazin huwa wiegeb u qal illi “*mhux biex nuriha affarijiet hziena imma biex niehu gost. Ghaliha din ma kienetx oxxena ghax kont immiss dawn il-partijiet quddiem ommha. Kont nkun diga ghamilt l-att sesswali ma ommha*”. Jammetti ukoll illi kien dahhal subajgh ukoll fil-parti tat-tifla **OMMISSIS**.

Illi fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2001 **xehed OMMISSIS** u dan kif jirrizulta a fol. 430 et seq tal-atti. Huwa jigi r-ragel tal-imputata **OMMISSIS**. Huwa jghid illi kien jasal id-dar ghal habta tas-saghtejn jew is-saghtejn u nofs ta’ wara nofs-in-nhar. Generalment kien jasal id-dar qabel ma jkunu waslu t-tfal, izda kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn huma kienu jaslu flimkien. Bhala overtime jghid illi rari kien jaghmel. Huwa jghid illi qatt ma kien ra nies ohra d-dar u li meta kien jirritorna mix-xoghol huwa kien iqatta hafna mill-hin id-dar mal-mara u t-tfal.

Illi nhar is-16 ta’ Mejju, 2002 **xehed Dr. Joseph Vella Baldacchino** u dan kif jirrizulta a fol. 443 et seq tal-atti.

Dan ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu fir-rigward ta' l-imputat **OMMISSIS**, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. JVB. Huwa jghid illi l-imputat huwa bniedem kwiet, tajjeb u trankwill. Jghid illi "*ma jabti minn l-ebda forma ta' mard mentali pero l-kapacita mentali tieghu hija limitata. Il-mod kif jahseb, jagixxi u jghix huwa semplici u mhux elaborat. Jista jirrifletti forma ta' sub-mentalita normali hafifa cioe dik li llum il-gurnata msejjha bhala learning disability. Ghalhekk mhux eskluz il-possibilita li dan seta ikun sfruttat minn xi nies bla kuxjenza. Pero minkejja dan huwa ghandu kapacita ta' gudizzju u jekk jaf jaghraf x'inhu lecitu minn dak li m'huwiex. Oltre ma jirrizulta ebda evidenza ta' menomazzjoni sinifikattiv fil-kapacita bl-intendere valore* [recte: intendere e di volere]".

Illi fl-istess seduta tas-16 ta' Mejju, 2002 **xehdet Mariella Camilleri** u dan kif jirrizulta a fol. 475 et seq tal-atti. Filwaqt li din ix-xhud esebit ir-relazzjoni taghha immarkata bhala Dok. MC qalet illi "*mill-aspett socjali* **OMMISSIS** *trabba f'familja maghquda, huwa bniedem kwiet hafna u dejjem fil-kumpanija ta' missieru. Fil-fatt meta ommu kienet ghadha hajja kien trabba hafna maghha u huwa bniedem mahbub minn ta' madwaru u kif ukoll mill-kollegi tax-xoghol. Jidher li fuq il-post tax-xoghol ghalkemm jahdem f'ambjent difficli u cioe fit-toroq, kapaci jfendi ghal rasu tajjeb. Minn dak li kont nghidlu u cioe mid-domandi li bdejt nghamillu deher li beda jifhem in-natura taghhom u t-twegibiet li beda jaghti dehru elokwenti*".

Illi l-Qorti rat li l-imputati inghataw il-helsien mill-arrest nhar it-8 ta' Frar, 1999 u dan skond ma jirrizulta minn fol. 154 et seq tal-atti.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Frar, 1999 Dottor Joseph Brincat irrileva u oggezzjona ghal fatt li l-persuni ndizzjati instemghu bil-gurament mill-perit legali. Huwa fil-fatt ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Repubblika vs Tabone moghtija mill-Qorti tal-Appell fejn l-istess Qorti ccensurat dikjarazzjoni guramentata mehuda mill-Magistrat personalment li kien qed imexxi inkjesta. Dottor Martin Fenech aderixxa ruhhu ma dan il-verbal.

Il-Qorti qrat bir-reqqa s-sentenza citata mid-difiza u cioe **<u>Ir-Repubbklika ta' Malta vs Carmelo sive Charles Tabone</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-17 ta' Jannar, 1994 u dwar l-oggezzjoni ta' l-istess difiza riportata hawn fuq tiddikjara illi l-kaz iccitat mid-difiza bir-rispett kollhu lejha ma huwiex l-istess bhal kaz odjern. Fil-kaz ta' Tabone, l-eccezzjoni imqajjma kienet illi meta xehed l-akkuzat quddiem il-Magistrat Inkwerenti huwa ma kienx inghata l-ebda twissija li seta' jaghzel li ma jixhedx u jibqa sieket. Fil-fatt l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell laqghet din l-eccezzjoni u iddikjarat tali xhieda bhala inamissibbli, u dan minhabba dan in-nuqqas u cioe li ma kienitx inghatat it-twissija necessarja. Mhux hekk fil-kaz odjern, fejn qabel ma ittiehdu l-istqarrijiet tat-tlett imputati odjerni, inghatat lilhom t-twissija li huma setghu ma jwegbux ghad-domandi li kienu ser isirulhom u li jekk huma kienu ser jwiegbu ghal dawn id-domandi, r-risposti taghhom kienu ser jitnizzlu bil-miktub u li dan seta' jingieb bhala prova kontrihom. Illi ghalhekk dan l-insenjament awtorevoli ma huwiex applikabbli f'dan il-kaz odjern.

Izda qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tippronunzja ruhha fuq dan il-punt, jehtieg li taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) u cioe dik fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja</u>** fit-3 ta' Lulju, 1997 fejn inghad illi:

"*In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkariku li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru*

*ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in re Regina vs George Terreni, obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

*S'intendi, dan kollu irid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, il-Magistrat inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet jiddeciedi li jikkontraponi xhieda ma ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' invece jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. In massima generali, pero', dak li huwa importanti huwa li bhal Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, l-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il-funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor. Hu importanti li l-Magistrat Inkwirenti izomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-process verbal li jkun irrediga hu ukoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.*

*Parametru iehor johrog minn dak li tghid il-ligi u anki l-ftit gurisprudenza in materja. Kif inghad diga, fit-termini tal-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-process verbal maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza, izda dan jista' jsir "minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, l-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access". Dawn il-Qrati qatt ma interpretaw din id-disposizzjoni bhala li tfisser li l-process verbal tal-Magistrat Inkwirenti ghandu aktar importanza minn, jew jirbah fuq, il-principju li fil-process penali x-xhieda ghandhom jinstemghu viva voce, izda biss li fejn xhud ma jistax jinstemgha aktar viva voce, ghax impossibilitat, jew ghax assenti, jew ghax miet, allura dak*

*li jista' jkun iddepona fil-kors tal-access, jista'jingieb u jintuza bhala prova, bhal ma prova testimonjali migbura fil-kors ta' access tista' tintuza biex jigi kontrollat l-istess xhud waqt li qed jiddeponi viva voce. Il-parametru li ghandu jinzamm huwa fis-sens li x-xhieda tittiehed korrettement, skond il-procedura u regoli ta' gustizzja u li tittiehed mill-Magistrat Inkwirenti stess. Dan hu wiehed mill-karatteristici principali tal-ufficcju tal-Magistrat Inkwirenti billi fl-inkjesta id-domandi isiru minnu stess. Hija importanti ghalhekk l-osservanza stretta tar-regola procedurali. Mhux sewwa, per ezempju, illi fil-kors ta' inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti waqt li qed jinterroga xhud li jkun ga gie interrogat mill-pulizija u li jkun gia irrilaxxja stqarrija, issirlu riferenza ghal dik l-istqarrija u jigi merament mistoqsi jekk jaqbilx u jikkonfermax il-kontenut taghha - kif qed jigi allegat u kif jidher li sar f'dan il-kaz waqt l-inkjesta. Anki jekk strettament wiehed jista' igebbed l-argument biex idahhal din il-prattika fil-parametri tal-legalita', xorta wahda huwa evidenti li dan hu sistema ta' gbir ta' provi li jistultifika l-istess skop li ghalih l-ligi tipprevedi inkjesta minn Magistrat Inkwirenti.*

*Ghalhekk, din il-Qorti tispera li specjalment jekk din il-prattika hija wahda komuni, ghandha tieqaf immedjatament u s-sistema tirriverti ghan normal u ghal dak li evidentement hu rikjest mill-ligi - u cioe' li l-interrogatorju isir mill-Magistrat Inkwirenti fil-veru sens tal-kelma.*

*Fl-istess kuntest ukoll jigi rilevat kemm hu importanti li l-Magistrat Inkwirenti jahsibha sew qabel ma jiddeciedi li jinterroga lill-persuna sospettata jew indizjata. Fil-passat il-prattika dejjem kienet li fejn il-provi jindikaw xi persuna partikolari, l-Magistrat jieqaf hemm, jirredigi il-process verbal, jissenjala dan il-fatt u imbaghad jispetta lil-haddiehor li jinterroga lill-indizjat minghajr ma jassumi responsabbilta' ghal dak l-interrogatorju l-Magistrat Inkwirenti. Mid-dehra, din il-prattika savja u aktar konformi mal-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, m'ghadhiex apprezzata daqs kemm kienet, anzi, sfortunatament, irrizultaw kazijiet quddiem din il-Qorti fejn il-Magistrat Inkwirenti ha inizjattivi li aktar jaghmlu mix-xoghol tal-*

*pulizija milli tal-investigatur kif koncepit taht is-sistema tal-inkjesta magisterjali*".

Illi anke wara li rat dak riportat hawn fuq din il-Qorti hija sodisfatta illi – ghalkemm kien ikun iktar ghaqli illi galadarba l-pulizija kellha t-tlett persuni indizjati kienet hija stess li tiehu l-istqarrija taghhom u mhux jkun hemm l-esperta nominata mill-Magistrat Inkwerenti sabiex isiru dawn l-istqarrijiet bil-gurament – l-istqarrijiet maghmulin mit-tliet imputati huma validi u ghaldaqstant ammissibbli bhala prova. Din il-fehma tal-Qorti hija msahha ukoll mill-fatt illi minn imkien ma jirrizulta illi dawn l-istqarrijiet kienu vizjati b'xi mod u ghalhekk id-decizjoni taghha dwar il-validita taghhom.

Illi fl-4 ta' Ottubru, 1999 Dottor Joseph Brincat irrileva li skond id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Frar, 1999 (fol. 101), il-Qorti nnominat lil Doctor Victor Calvagna (biex jezamina medikament lit-tifla **OMMISSIS** u partikolarment il-partijiet genitali taghha) u bl-ebda mod ma deferitlu l-poter li jisma xhieda jew li jaghmel kostatazzjonijiet mhux li jirrizultaw medikament fuq **OMMISSIS** u konsegwentement fuq il-bazi tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Debattista u Joseph Rizzo** dik il-parti tar-relazzjoni li tmur oltre l-perizja skond id-digriet tal-Qorti hija nulla u bla effett u ghandha tigi sfilzata.

Illi l-prosekuzzjoni min naha taghha oggezzjonat ghat-talba tad-difiza li tigi sfilzata dik il-parti tar-rapport ta' Doctor Victor Calvagna ghar-raguni li l-istess tabib gie nominat mill-Qorti b'digriet appozitu u dan zmien wara l-akkadut; t-tieni raguni hija ghaliex Doctor Victor Calvagna kellu l-oneru li jaghmel psychological test fuq it-tifla **OMMISSIS**.

Illi fl-istess seduta d-Difiza ghamlet referenza ghad-digriet tan-nomina ta' Doctor Joseph Spiteri tat-3 ta' Frar, 1999 u ghax-xhieda tieghu ta' llum minn fejn jirrizulta ripetutament li l-kostatazzjonijiet tieghu ghamilhom fuq dak li qalulu xhieda ohra fil-process. Ghalhekk fuq il-bazi tal-oggezzjoni ta' Doctor Victor Calvagna qed tqajjem l-istess

oggezzjoni u eccezzjoni fil-konfront ta' Doctor Joseph Spiteri.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa s-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Debattista et** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-14 ta' Gunju, 1985 u hija tal-fehma illi anke din is-sentenza ma hijiex applikabbli ghal kaz odjern. Jidher bic-car illi f'dik is-sentenza, l-kwistjoni kollha kienet dwar il-fatt illi l-espert nominat mill-Qorti kien lehaq gabar il-provi u irrelata qabel ma gie nominat bhala espert mill-Qorti. F'dan il-kaz, l-esperti kienu gew nominati mill-Qorti, u in adempiment ta' l-inkarigu lilhom moghti ghamlu dak kollu necessarju sabiex huma jkunu jistghu jaqdu d-dmir taghhom bhala esperti tal-Qorti. Il-Qorti f'dan il-kaz ma tirraviza xejn irregolari f'dak li ghamlu l-esperti nominati minnha.

Illi fl-14 ta' Ottubru, 2000 Dottor Joseph Brincat wara li semgha x-xhieda li tat Dottor Greta Mifsud qed jissoleva l-irritwalita ta' din il-procedura li persuni arrestati jixhdu bil-gurament minghajr assistenza legali. Huwa qed jirriserva li sa differiment iehor jew jippresenta motivazzjoni ta' dan l-ilment jew rikors ad hoc. Dan qed isir b'referenza ghal artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni tirrileva li l-imputati waqt l-investigazzjoni voluntarjament ghazlu li jikkonfermaw l-istqarrija bil-gurament quddiem l-espert mahtur mill-Qorti u aktar li l-ligi ma tikkontemplax li l-imputati fi stadju tal-investigazzjoni jkollhom l-assistenza ta' Avukat jew Prokuratur Legali.

Illi dwar dan il-punt ma tantx hemm xi tghid din il-Qorti, almenu fil-vesti taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-difensur ta' l-imputati minkejja r-rizerva li ghamel sabiex sad-differiment ta' wara huwa jimmottiva dan l-ilment jew inkella jipprezenta rikors ad hoc, baqa ma ghamel xejn minn dan kollu. Jinghad illi dwar dan il-punt ta' assistenza legali waqt interrogatorju kien hemm diversi sentenzi fosthom dik recensjuri moghtija mill-Onorabbli

Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **Victor Lanzon noe et vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-17 ta' Gunju, 2004, fejn filwaqt li ghamlet referenza ghal sentenza taghha stess tas-sena 2002 qalet illi:

*"… minn ezami akkurat tal-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll internazzjonali jirrizulta li l-persuna ghandha d-dritt li meta tkun akkuzata b' reat kriminali jkollha smiegh xieraq fi zmien ragjonavoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b' ligi. Kull min ikun akkuzat b' reat kriminali ghandu jigi nfurmat bil-miktub dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkuzat u moghti zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu kif ukoll ikollu d-dritt jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali sezzjoni 39 para 6(c). Dan id-dritt tar-rapprezentanza legali huwa d-dritt ta' min ikun* ***akkuzat b' reat kriminali****. Tali dritt ma jezistix fil-kaz ta' persuna suspettata b' reat u meta jkunu ghadhom biss ghaddejjin investigazzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti anke jekk dawn isiru fil-kors ta' proceduri li jinvolvu l-arrest ta' persuna, l-ghoti ta' stqarrija inkluz depozizzjonijiet bil-gurament quddiem Magistrat li jkun qieghed imexxi inkjesta. Infatti meta inkjesta tkun ghadha miexja persuna ma tkunx ghadha giet akkuzata b' reat."*

Illi dan il-punt li qeghda tittanta tqajjem id-difiza huwa previst fl-emendi ghal-Kodici Kriminali li saru bl-Att III tas-sena 2002 ghalkemm dan l-artiklu tal-ligi ghadu ma dahalx fis-sehh.

Imiss issa li jigu ezaminati r-reati li dwarhom l-imputati jinsabu akkuzati bihom u li l-Avukat Generali permezz tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju a fol. 232 ta' l-atti indika li seta kien hemm htija fil-konfront ta' l-imputati tahthom.

Illi mill-provi kif migjuba ma jidhirx illi l-ebda wiehed jew wahda mill-imputati ma jistghu jinstabu hatja ta' arrest detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi u dan skond ma hemm mahsub fl-artiklu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi jirrizulta illi meta l-minuri kienet tkun prezenti waqt li kien ikun hemm xi wiehed mill-imputati

**OMMISSIS** jew **OMMISSIS** hija kienet fid-dar tal-familja taghha. Ma jirrizultax illi xi hadd mill-imputati kien izommha fizikament milli ticcaqlaq. Dak li kien jigri, u dan kif ammess minn **OMMISSIS** fl-istqarrija tieghu kien illi huma kienu jirrabjaw mal-imsemija minuri imma fl-ebda hin ma kienu jzommuha milli titlaq band' ohra fid-dar.

Illi qabel ma tghaddi sabiex tezamina r-reat l-ohra addebitati lill-imputati, din il-Qorti jehtigilha li tghid illi l-minuri **OMMISSIS** xehdet diversi drabi quddiemha u anzi tghid illi xi minn daqqiet din ix-xhieda taghha kienet inkonsistenti, pero fil-partijiet essenzjali taghha hija dejjem baqghet izzomm mal-istess fatti. Dan jsahhah ukoll l-opinjonijiet moghtija mill-esperti nominati minn din il-Qorti, li ilkoll ikkonkludew illi abbuz fuq il-minuri **OMMISSIS** kien hemm u li dan l-abbuz zgur li ma kienx jinvolvi l-penetrazzjoni tal-organu maskili. Illi din il-Qorti ma ghandhiex ghax ma tafdax il-verzjoni moghtija mill-minuri bhala wahda mhux veritjiera. Din il-Qorti setghet tikkonstata de visu illi l-minuri kienet tibza xi ftit biex tghid dak li kien isir quddiemha meta hija kienet titla tixhed quddiem l-imputati. Meta imbaghad kienet titkellem ma' professjonisti ohra, hija dejjem kienet izzomm l-istess verzjoni.

Illi jibda biex jinghad illi l-prosekuzzjoni akkuzat lil **OMMISSIS** u **OMMISSIS** bi stupru tal-minuri **OMMISSIS**. Din il-Qorti wara li qrat il-process u l-atti tal-kawza ghal aktar minn darba tista tghid illi ma hemm lanqas l-icken prova li kien gie kommess stupru fuq din il-minuri.

Imiss issa li jigu meqjusa l-akkuzi addebitati lill-imputati u li jirrigwardaw ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghal pudur.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** deciza fit-13 ta' Novembru, 1998 per Onorevoli Imhallef V. De Gaetano filwaqt li irriferit ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** (Vol. XXXIX.iv.931), qalet illi "il-kriterju differenzjali senjat mill-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa

wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga kellha l-okkazzjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' koruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***The Police v. Thomas Wiffen***. F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista Francesco Carfora, li *"Atti di libidine ... .debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche' se non giungono allo sfogo completo della libidine....Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine....noi rileveremo come norma generali che gli atti, a cui si riferisce la legge, debboni essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali"* (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p. 967, sottolinear tal-Qorti).

.... Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** (supra), *"Ghandu jigi....osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anke stante il-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore"."* (p. 934).

Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi ciskostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-*proviso* tal-Artikolu 207 taghmel referenza ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att

leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini".

Illi minghajr ezitazzjoni ta' xejn din il-Qorti tara li fil-konfront ta' **OMMISSIS** jezistu bizzejjed provi li bihom huwa ghandu jinstab hati li ikkorrompa lill-minuri **OMMISSIS**. Dan il-fatt huwa ammess minnu stess fl-istatement li huwa irilaxxja lill-pulizija, liema statement ittiehed bil-gurament tieghu nhar l-24 ta' Novembru, 1998. Illi l-imputat **OMMISSIS** xehed viva voce quddiem din il-Qorti huwa ipprova jimmitiga l-fatti minnu dikjarati fl-istatement guramentat u din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ma temminx dak li qal dan l-imputat fl-istqarrija maghmula minnu liberament. Jekk xejn ma ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija minnu quddiemha.

Illi dwar l-imputat **OMMISSIS**, dan minn dejjem baqa jsostni l-posizzjoni tieghu illi huwa qatt ma miss bl-ebda mod lill minuri **OMMISSIS**, pero ammetta l-fatt illi kien hemm okkazzjonijiet fejn din **OMMISSIS** dahlet fuqu u fuq l-imputata l-ohra **OMMISSIS** waqt li dawn kienu qeghdin ikollhom relazzjonijiet sesswali. Din ma kienitx okkazzjoni ta' darba izda kienet tirrepeti ruhha ta' spiss. Illi jekk xejn zgur li fil-kaz ta' dan l-imputat jissusisti l-kaz ta' attentat vjolenti ghall-pudur tal-minuri **OMMISSIS**.

Illi f'dawn l-okkazzjonijiet kollha kien ikun hemm prezenti t-tielet imputata **OMMISSIS**, li tigi omm il-minuri. Hija ma ghamlet l-ebda tentattiv sabiex hija tipprotegi lill-minuri minn dawn l-iskandli li kienu jsiru quddiemha anzi jirrizulta illi hija kienet thajjar lill-bintha sabiex tkompli maz-zewg imputati l-ohra. Illi ghalhekk l-imputata **OMMISSIS** ghandha tinstab hatja ta' korruzzjoni ta' bintha minorenni **OMMISSIS**.

Illi akkuza ohra hija li l-imputati **OMMISSIS** hajjru lil **OMMISSIS** – persuna li ma ghalqitx l-eta ta' tnax-il sena ghall-prostituzzjoni. Jinghad mal-ewwel li din l-akkuza ma tirrizultax u dan peress illi wiehed mir-rekwiziti ta' dan ir-reat huwa li l-imputati (jew imputati skond il-kaz) ihajjru lill-persuna sabiex tipprostitwixxi ruhha sabiex tissodisfa z-zina ta' haddiehor. Mill-provi prodotti dan ir-reat ma

jissusistiex u dan peress illi mill-provi prodotti jirrizulta biss illi **OMMISSIS** kien ihajjar lill **OMMISSIS** sabiex huwa jilghab maghha sesswalment (Ara **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Vella</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1994 per Onorevoli Imhallef C. A. Agius).

Illi l-imputata **OMMISSIS** wahedha kienet akkuzata ukoll illi hija ma haditx hsieb kif kif kien jehtieg lill-minuri **OMMISSIS**. Din il-kontravvenzjoni ukoll giet ippruvata u dan peress illi zgur ma huwiex xieraq illi genitur jhalli lill uliedhu jigu ivvittimizzati bil-mod kif giet din **OMMISSIS** ivvittimizzata f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 18, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 86, 87, 19, 206, 199(2), 201, 202, 207, 203, 204, 214, 215,218, 339(j), 17, 533, 198, 206 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi billi tiddikjara li qed issib lit-tlett imputati **OMMISSIS OMMISSIS** u **OMMISSIS** hatja tar-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni **OMMISSIS**, u lil **OMMISSIS** ukoll hatja tal-kontravenzjoni talli ma haditx hsieb lill-minuri bintha **OMMISSIS**.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat il-fedina penali tat-tlett imputati li huma indelibbli u b'eccezzjoni ghal fedina penali tal-imputat **OMMISSIS** li ghandu kontravenzjoni zghira registrata fuqha, ma ghandhom l-ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghalhekk ghandhom jigu meqjusa bhala "first time offenders". Illi pero' minn naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tikkundannax lill-imputati kollha tal-akkuza li sabithom hatja taghhom u cioe` korruzzjoni ta' minorenni ghaliex din hija akkuza ta' stmerrija u ghandha tigi kkundannata sabiex tipprotegi lis-socjeta` u l-vittmi taghha. Illi ghalhekk in vista ta' dan il-Qorti sejra titratta l-piena idonea ghal kull akkuzat b'mod separat u dan ghaliex il-partecipazzjoni taghhom mhiex identika, inoltre r-relazzjoni tal-minuri **OMMISSIS** mal-imputati ma hix l-istess.

Fil-konfront tal-imputata **OMMISSIS** il-Qorti in vista tas-sejba ta' htija ghall-akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni u talli ma haditx hsieb bintha u **tikkundannha ghal piena karcerarja ta' sitt snin** u dan in vista tal-fatt li hija omm il-minuri u in realta` hija fdata bir-responsabbilita` ta' bintha u bhala omm ghandha d-dover u l-obbligu li tghallimha s-sewwa u mhux li tinduciha biex taghmel dawn l-atti sesswali kif deskritti aktar il-fuq.

Fil-konfront tal-imputat **OMMISSIS** il-Qorti in vista tas-sejba tal-htija ghall-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni, **tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames snin** u dan in vista tal-fatt li ghalkemm huwa anzjan, xorta ghandu l-obbligu li jiehu hsieb lil ibnu, l-ko-akkuza **OMMISSIS** li ma jaghmilx affarijiet hziena kif fuq deskritti u ghalhekk stante li dan l-ghemil hazin gie komess minnu fil-presenza ta' ibnu fuq minuri.

Fil-konfront tal-imputat **OMMISSIS** l-Qorti wara li tiddikjara li ssibu hati ta' reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u ghamlet apprezzament tar-rapport tal-psikjatra Joseph Vella Baldacchino u appuntu fejn qal illi l-intellet tal-imputat jista' jirrifletti favur is-submentalita` u inoltre li setgha kien sfruttat minn xi nies bla kuxjenza, l-Qorti hija tal-fehema illi l-piena li ghandha timponi ghandha tkun inqas minn dik tal-ko-akkuzati l-ohra u ghalhekk **tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlett snin.**

Il-Qorti tordna ukoll illi z-zmien li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv ma ghandux jitnaqqas miz-zmien ta' prigunerija li din il-Qorti qed timponi u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-emendi l-godda fil-Kodici Penali dwar arrest preventiv ma japplikawx ghal kaz in esami peress illi l-imputati tressqu l-Qorti fis-sena 1998.

Rigward l-akkuzi l-ohra, l-Qorti tillibera lill-imputati kollha minnhom ilkoll salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' attentat ghall-pudur bi vjolenza li nghatat b'mod alternattiv ghall-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront tat-tlett imputati ghaliex stante li l-Qorti sabet li l-imputati hatja ta'

din l-akkuza ahharija, hija tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza alternattiva.

Il-Qorti qeghda tordna, in vista tan-natura serji tar-reati li taghhom instabu hatja l-imputati, l-projbizzjoni tal-pubblikazzjoni ta' dettalji u l-konnotati tal-persuni imsemmija f'din is-sentenza, kif ukoll ma ghandux ikun hemm d-dettalji u konnotati tal-imputati meta din is-sentenza titqieghed fuq il-website ufficjali tal-Gvern u dan qed jinghad fl-interess tal-minuri, vittma ta' dan il-kaz, **OMMISSIS**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------